KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 01

**Il-Ħamis 4 ta' Lulju 2024**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dale Hayman – Sindku
Anton Mifsud – Kunsillier
Simon Fenech – Kunsillier
Antoine Vella – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Len Abela Vassallo – Viċi Sindku

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 01.1 Introduzzjoni mill-aktar Kunsillier anzjan

01.1.1 Il-Kunsillier Fenech fetaħ il-laqgħa billi għamel introduzzjoni qasira. Kopja tad-diskors tiegħu huwa mehmuż.

01.1.2 Fl-aħħarnett il-Kunsillier Fenech stieden lill-Kunsillier Hayman biex jieħu postu f'ras il-mejda sabiex il-laqgħa tkun tista' tipproċedi bil-ħatra tiegħu bħala Sindku.

### 01.2 Ħatra ta' Sindku

01.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) infurmat li skont l-Att tal-Kunsilli Lokali l-aktar persuna li tkun ġabet voti mill-partit li ġab il-maġġoranza tal-voti għandha tiġi eletta bħala Sindku. Għaldaqstant staqsiet lill-Kunsillier Hayman jekk kienx lest li jaċċetta l-kariga ta' Sindku. Il-Kunsillier Hayman qabel u għaldaqstant iffirma l-ittra tal-aċċettazzjoni.

01.2.2 Hawnhekk is-SE infurmat li l-ħatra u l-ġurament tal-Viċi Sindku kienet se tinżamm waqt il-laqgħa li jmiss minħabba li kien jinsab imsiefer.

### 01.3 Għoti tal-ġuramenti tal-karigi ta' Sindku

01.3.1 Hawnhekk, il-Kummissarju tal-Ġustizzja, Dott. Sandra Sladden, li kienet preżenti għal-laqgħa, stiednet lis-Sindku jaqra d-Dikjarazzjoni, jiffirmaha u jbus is-salib.

### 01.4 Ħatra ta' responsabbiltajiet tal-membri tal-Kunsill

01.4.1 Is-Sindku hawnhekk ressaq lista ta' responsabbiltajiet lil kull membru tal-Kunsill. Ħadd mill-Kunsilliera ma kellu oġġezzjoni għal dawn il-ħatriet.

01.4.2 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-ebda responsabbiltà ma hi dominju assolut tal-Kunsillier partikolari imma hija responsabbiltà tal-Kunsill kollu li jsegwi l-progress fuq kollox u li jitwettaq il-pjan ta' ħidma li jkun maqbul mill-Kunsill. Is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li għandhom dejjem iżommu l-ġid tal-lokalità quddiem għajnejhom u jaħdmu bħala tim wieħed, u mingħajr indħil politiku.

01.4.3 Kopja tar-responsabbiltajiet tinsab mehmuża.

## 01.5 Diskors mis-Sindku

01.5.1 Is-Sindku beda d-diskors tiegħu billi rringrazzja lis-sindki u kunsilliera preċedenti. Huwa qabel li l-għaqda hija importanti ħafna u li wieħed m'għandux jara kuluri fil-ħin tad-deċiżjonijiet. Fl-aħħarnett irringrazzja lir-residenti kollha li kienu tawh il-fiduċja biex b'effett mill-1 ta' Lulju seta' jinħatar bħala s-Sindku tal-lokalità.

## 01.6 Ġranet u Ħinijiet tal-laqgħat tal-Kunsill

01.6.1 Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa tal-Kunsill tibda tinżamm fis-6:00pm.

## 01.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

01.7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6:20pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar l-Erbgħa 10 ta' Lulju 2024.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Dale Hayman | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

## Responsabbiltajiet Individwali tal-Kunsilliera

## It-Tmien Leġiżlatura (2024 – 2029)

**Dale Hayman (Sindku)**
Proġetti u Infrastruttura; Żgħażagħ u tfal; Attivitajiet; Kultura

**Len Abela Vassallo (Viċi Sindku)**
Innovazzjoni; Edukazzjoni; Pjanar; Trasport Pubbliku

**Anton Mifsud (Kunsillier u Minority Leader)**
Anzjani; Komunità; Integrazzjoni Soċjali

**Simon Fenech (Kunsillier)**
Qasam Soċjali; Ħarsien tal-Annimali; Sports u Attività Fiżika

**Antoine Vella (Kunsillier)**
Sinjali tat-Toroq u Traffiku; Indafa; Ambjent